A.L. 16 ta' l-2003

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)

Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ipproċessar ta' *Data* Personali fis-Settur tat-Telekomunikazzjonijiet.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu hekk kif il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu stabbiliti għar-rigward ta' regolamenti differenti.

Tifsiriet.

3. (1) Kemm-il darba ma jissemmiex xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet mogħtija fl-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni u fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra:

"Att", kemm-il darba ma jissemmiex xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*; Kap. 440.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

"*data* ta' lokazzjoni" tfisser kull *data* pproċessata f'sistema ta' telekomunikazzjonijiet , li tkun tindika il-pożizzjoni ġeografika tat-tagħmir terminali ta' utent ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet li jkun pubblikament disponibbli;

"*data* personali" tfisser kull informazzjoni li tkun tirrigwarda persuna identifikata jew identifikabbli; persuna identifikabbli hi persuna li tkun tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, partikolarment b'riferenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal xi fattur wieħed jew iktar speċiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna;

"direttorju ta' abbonati" jew "direttorju" tifsser direttorju ta' abbonati f'servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubblikament disponibbli, kemm f'għamla mitbugħa jew elettronika –

(a) li jkun disponibbli għall-pubbliku jew għal sezzjoni tal-pubbliku, jew

(b) informazzjoni li normalment tkun provduta minn servizz ta' tiftix f'direttorju;

"ipproċessar" u "ipproċessar ta' *data* personali" ifissru kull ħidma jew għaqda ta' ħidmiet li jsiru dwar *data* personali, sew jekk dan jiġri jew le b'mezzi awtomatiċi, u tinkludi l-kollezzjoni, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, ħżin, adattament, bdil, ksib lura, ġbir, użu, żvelar bi trasmissjoni, tixrid jew b'kull mod ieħor li bih l-informazzjoni ssir disponibbli, allinjament jew kombinazzjoni, bblukkar, tħassir jew qirda ta' dik id-*data*;

"komunikazzjoni " tfisser kull informazzjoni skambjata jew trasmessa bejn għadd li jintemm ta' partijiet permezz ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet pubblikament disponibbli. Dan ma jinkludix informazzjoni li tinġarr bħala parti minn servizz ta' xandir lill-pubbliku fuq sistema ta' telekomunikazzjonijiet ħlief sal-limitu li l-informazzjoni tista' tkun relatata ma' l-abbonat identifikabbli jew l-utent li jkun qed jirċievi l-informazzjoni;

"kontrollur" tfisser il-kontrollur ta' *data* personali u jkollha l-istess tifsira bħalma għandha taħt l-Att;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data*;

"kunsens" tfisser kunsens minn utent jew abbonat u tikkorrispondi għall-kunsens mogħti minn suġġett ta' *data* skond l-artikolu 2 ta' l-Att;

"Ministru" kemm-il darba ma jissemmiex xort'oħra f'dawn ir-regolamenti tfisser il-Ministru responsabbli għall-protezzjoni tad-*data*;

"persuna" tinkludi kull korp magħqud u korp ta' persuni kemm jekk ikollu kemm jekk ma jkollux personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tiegħu;

"posta elettronika" tfisser kull messaġġ bil-kitba, vuċi, ħoss jew xbieha mibgħut fuq sistema pubblika ta' telekomunikazzjonijiet li jista' jinħażen fis-sistema jew fit-tagħmir terminali tar-riċevitur sakemm dan jinġabar mir-riċevitur;

"provditur ta' servizz" tfisser kull persuna li jkollha liċenza valida jew permess biex tipprovdi servizz pubbliku ta' telekomunikazzjonijiet taħt l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, jew li tkun reġistrata taħt l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni bħala persuna awtorizzata kif hawn qabel imsemmi (sew jekk tkunx jew le wkoll provditur ta' sistema ta' telekomunikazzjonijiet);

"provditur ta' sistema" tfisser kull persuna li jkollha liċenza valida jew permess biex tħaddem sistema pubblika ta' telekomunikazzjonijiet taħt l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, jew li tkun reġistrata taħt l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni bħala persuna awtorizzata kif hawn qabel imsemmi (sew jekk tkunx jew le wkoll provditur ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet);

"servizz b'valur miżjud" tfisser kull servizz li jeħtieġ l-ipproċessar ta' traffiku ta' *data* jew *data* ta' lokazzjoni li ma jkunx traffiku ta' *data* 'l hinn minn dak li jkun meħtieġ għat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni jew l-ikkontjar tiegħu;

"servizz mogħti minn soċjetà ta' l-informazzjoni" ikollha l-istess tifsira bħalma għandha taħt l-Att dwar il-Kummerċ Elettroniku; Kap. 426.

"sistema pubblika ta' telekomunikazzjonijiet" tfisser sistemi ta' trasmissjoni u, meta dan ikun japplika, tagħmir ta' swiċċjar u riżorsi oħra li jkunu jippermettu l-ġarr ta' sinjali bejn punti terminali definiti bil-fil, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew mezzi oħra elettromanjetiċi, li jintużaw, għalkollox jew f'parti minnhom, biex jingħata servizz ta' telekomunikazzjonijiet li jkun pubblikament disponibbli;

"traffiku ta' *data*" tfisser kull *data* pproċessata għall-fini tal-ġarr ta' komunikazzjoni fuq sistema ta' telekomunikazzjonijiet jew għall-ikkontjar tiegħu;

"utent" tfisser kull persuna naturali li tkun qed tuża servizz ta' telekomunikazzjonijiet li jkun pubblikament disponibbli, għal finijiet privati jew kummerċjali, mingħajr ma neċessarjament tkun abbonata f'dak is-servizz.

Applikazzjoni.

4. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' *data* personali in konnessjoni ma' l-għoti ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet li jkunu pubblikament disponibbli f'sistema pubblika ta' telekomunikazzjonijiet f'Malta u f'kull pajjiż ieħor hekk kif il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għat-telekomunikazzjonijiet, isemmi b'avviż fil-Gazzetta.

Kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.

5. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 11 ebda persuna ħlief l-utent, ma għandha tisma, tissemma', taħżen jew tagħmel xi forma oħra ta' interċettazzjoni jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet u fi traffiku ta' *data* relatat, mingħajr il-kunsens ta' l-utent involut.

(2) Dan ir-regolament ma għandu jolqot ebda reġistrazzjoni ta' komunikazzjonijiet legalment awtorizzata u traffiku ta' *data* relatat filwaqt ta' xi prattika kummerċjali leġittima għall-fini li tinġieb prova ta' transazzjoni kummerċjali jew f'xi komunikazzjoni kummerċjali oħra.

Dħul f'informazzjoni maħżuna f'tagħmir terminali.

6. (1) L-użu ta' sistema ta' telekomunikazzjonijiet għall-ħżin ta' informazzjoni jew biex jinkiseb dħul f'informazzjoni li tkun maħżuna f'tagħmir terminali ta' abbonat jew utent għandu biss ikun permess bil-kundizzjoni li l-abbonat jew utent involuti jiġu pprovduti mill-kontrollur b'informazzjoni ċara u komprensiva, inkluża informazzjoni dwar il-finijiet ta' l-ipproċessar, skond l-Att.

(2) L-abbonat jew l-utent ikollhom jedd joġġezzjonaw f'kull waqt lill-kontrollur għall-ipproċessar ta' tali *data* u li jirrifjutaw dak l-ipproċessar.

(3) Il-ħtiġiet f'dan ir-regolament ma għandhomx jipprevjenu l-ħżin tekniku jew aċċess għall-uniku fini li ssir jew tiġi faċilitata t-trasmissjoni ta' komunikazzjoni fuq sistema ta' telekomunikazzjonijiet jew skond ma jista' jkun strettament neċessarju sabiex jiġi provdut servizz mogħti minn soċjetà ta' l-informazzjoni mitlub b'mod espliċitu mill-abbonat jew mill-utent.

Traffiku ta' data.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament, traffiku ta' *data* dwar abbonati u utenti pproċessata għall-fini tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni u maħżuna minn provditur ta' servizz jew minn provditur ta' sistema għandha titħassar jew issir anonima meta ma tkunx aktar meħtieġa għall-fini tat-trasmissjoni ta' komunikazzjoni .

(2) Traffiku ta' *data* meħtieġ għall-finijiet ta' l-ikkuntjar ta' abbonat u ħlasijiet ta' interkonnessjoni jista' jiġi pproċessat sakemm dak l-ipproċessar ikun biss permissibbli sa tmiem il-perjodu li matulu l-kont jista' jkun leġittimament kontestat jew il-ħlas mitlub.

(3) Għall-fini ta' bejgħ tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet tiegħu nnifsu jew biex jingħataw servizzi b'valur miżjud lill-abbonat, il-provditur ta' servizz jista' jipproċessa d-*data* msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament sal-limitu u għal kemm żmien ikun meħtieġ għal dawk is-servizzi, sakemm l-abbonat ikun ta l-kunsens tiegħu.

(4) Il-provditur ta' servizz għandu jgħarraf lill-abbonat jew lill-utent bit-tipi ta' traffiku ta' *data* pproċessati u għal kemm żmien idum tali pproċessar għall-finijiet imsemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament u, qabel ma jinkiseb il-kunsens, għall-finijiet imsemmija fis-subregolament (3) ta' dan ir-regolament.

(5) L-ipproċessar ta' traffiku ta' *data* skond is-subregolamenti (1) sa (4) ta' dan ir-regolament għandu jkun ristrett għal persuni li jaġixxu taħt l-awtorità tal-provdituri ta' servizz u tal-provditur ta' sistemi li jkunu qed jimmaniġġaw l-amministrazzjoni ta' l-ikkuntjar jew tat-traffiku, tiftix li jsir mill-abbonati, l-kxif ta' frodi, l-bejgħ ta' servizz ta' telekomunikazzjonijiet tal-provditur jew li jkunu qed jipprovdu servizz b'valur miżjud, u għandu jkun ristrett għal dak li jkun meħtieġ għall-finijiet ta' dawk l-attivitajiet.

(6) Ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tipprekludi l-għoti ta' traffiku ta' *data* lil xi awtorità kompetenti għall-finijiet ta' xi liġi li tkun tirrigwarda s-soluzzjoni ta' tilwimiet, partikolarment tilwimiet dwar l-interkonnessjoni u l-ikkuntjar.

Data ta' lokazzjoni.

8. (1) Meta *data* ta' lokazzjoni ħlief traffiku ta' *data*, li tkun tirrigwarda utenti jew abbonati ta' sistema pubblika ta' telekomunikazzjonijiet jew servizzi, tista' tkun ipproċessata, tali *data* tista' biss tkun ipproċessata meta din issir anonima, jew bil-kunsens ta' l-utenti jew abbonati sal-limitu u għal kemm żmien ikun meħtieġ għall-għoti ta' servizz b'valur miżjud.

(2) Qabel ma jinkiseb il-kunsens ta' l-utenti jew ta' l-abbonati, il-provditur ta' servizz għandu jgħarrafhom b'dan li ġej:

(a) it-tip ta' *data* ta' lokazzjoni, li ma jkunx traffiku ta' *data*, li jkun se jiġi pproċessat,

(b) il-finijiet u għal kemm żmien idum l-ipproċessar, u

(ċ) kemm għandha d-*data* tiġi trasmessa lil terzi għall-fini li jiġi pprovdut is-servizz b'valur miżjud:

Iżda l-utenti jew l-abbonati jistgħu f'kull waqt jirtiraw il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni li ma jkunx traffiku ta' *data*.

(3) Meta jkun inkiseb il-kunsens ta' l-utenti jew ta' l-abbonati għall-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni li ma jkunx traffiku ta' *data*, l-utent jew l-abbonat għandu jibqa' jkollu l-possibilità, billi juża mezz sempliċi u bla ebda ħlas, li temporanjament jirrofta l-ipproċessar ta' dik id-*data* għal kull konnessjoni mas-sistema jew għal kull trasmissjoni ta' komunikazzjoni .

(4) L-ipproċessar ta' *data* ta' lokazzjoni li ma jkunx traffiku ta' *data* skond is-subregolamenti (1), (2) u (3) ta' dan ir-regolament għandu jkun ristrett għal persuni li jaġixxu taħt l-awtorità tal-provditur ta' servizz jew tal-provditur ta' sistema jew tat-terzi li jkunu qed jipprovdu s-servizz b'valur miżjud, u għandu jkun ristrett għal dak li jkun meħtieġ għall-finijiet li jiġi pprovdut is-servizz b'valur miżjud.

Direttorju ta' abbonati.

9. (1) Persuna li tipproduċi direttorju ta' abbonati għandha, bla ebda ħlas għall-abbonat u qabel ma tiddaħħal xi *data* personali li tkun tirrigwarda lill-abbonat fid-direttorju, tiżgura li -

(a) l-abbonat ikun mgħarraf dwar il-finijiet ta' tali direttorju ta' abbonati u dwar il-possibilitajiet kollha ta' użu bbażati fuq funzjonijiet ta' tiftix li jkun hemm fil-verżjoni elettronika tad-direttorju;

(b) ebda *data* personali ma tkun inkluża f'tali direttorju mingħajr il-kunsens ta' l-abbonat. Meta l-abbonat ikun qed jagħti l-kunsens tiegħu, huwa għandu jistabbilixxi liema *data* għandha tiġi inkluża fid-direttorju, safejn dik id-*data* tkun rilevanti għall-fini tal-direttorju skond ma jiġi stabbilit mill-provditur tas-servizz tad-direttorju. L-abbonati għandhom jiġu mogħtija l-opportunità jivverifikaw, jikkorreġu jew jirtiraw tali *data* personali mid-direttorju; u

(ċ) id-*data* personali f'tali direttorju li tkun tirrigwarda abbonat tkun limitata għal dak li jkun meħtieġ sabiex jiġi identifikat l-abbonat u n-numru lilu allokat, kemm-il darba l-abbont ma jkunx ta l-kunsens addizzjonali tiegħu lill-provditur tas-servizz tad-direttorju li jkun qed jawtorizzah jinkludi fid-direttorju *data* personali addizzjonali ta' l-abbonat:

Iżda dan hawn qabel imsemmi għandu japplika biss għal abbonati li jkunu persuni naturali.

(2) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal edizzjoni ta' direttorju li jkun diġà ġie prodott jew imqiegħed fis-suq f'għamla mitbugħa jew elettronika *off-line* qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta d-*data* personali ta' abbonati ma' servizzi pubbliċi, fissi jew mobbli, ta' telefonija bil-vuċi jkunu ġew inklużi f'direttorju pubbliku ta' l-abbonati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, id-*data* personali ta' dawk l-abbonati tista' tibqa' f'dak id-direttorju pubbliku fil-verżjonijiet mitbugħa jew elettroniċi tiegħu, inklużi verżjonijiet li jkollhom funzjonijiet ta' tiftix riversivi, kemm-il darba l-abbonati ma jindikawx xort'oħra, wara li tkun ġiet riċevuta l-informazzjoni sħiħa mingħand il-provditur tas-servizzi tad-direttorju dwar il-finijiet u l-għażliet skond dan ir-regolament.

Komunikazzjonijiet mhux mixtieqa.

10. (1) Ħadd ma għandu juża, jew iġiegħel li jintuża, xi servizz ta' telekomunikazzjonijiet li jkun pubblikament disponibbli sabiex jagħmel xi komunikazzjoni mhux mixtieqa għall-fini ta' bejgħ dirett permezz ta' -

(a) apparat li jsejjaħ awtomatiku, jew

(b) apparat li jagħmel *facsimile*, jew

(ċ) posta elettronika,

lil xi abbonat, li jkun persuna naturali, kemm-il darba l-abbonat ma jkunx ta l-kunsens tiegħu espliċitu bil-quddiem u bil-miktub li tiġi riċevuta dik il-komunikazzjoni .

(2) Minkejja s-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, meta persuna tkun kisbet mingħand l-abbonati tagħha id-dettalji fejn dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bil-posta elettronika fir-rigward tal-bejgħ ta' xi prodott jew servizz skond l-Att, dik l-istess persuna tista' tuża dawk id-dettalji għall-bejgħ dirett tal-prodotti jew servizzi tagħha li jkunu ta' xorta simili:

Iżda l-klijenti għandhom jiġu mogħtija l-opportunità li joġġezzjonaw, bla ebda ħlas u b'mod faċli u sempliċi, għal dak l-użu ta' dettalji ta' kuntatt elettroniku meta dawn jinġabru u fl-okkażjoni ta' kull messaġġ meta l-abbonat ma jkunx inizjalment irrofta dak l-użu.

(3) Persuna li tuża jew iġġiegħel li jintuża xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni li ma jkunx wieħed minn dawk imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għall-fini ta' bejgħ dirett għandu, b'ebda spiża għall-abbonat, jiżgura li kull tali komunikazzjoni lil abbonat ma tintbagħatx jekk abbonat jitlob li tali komunikazzjonijiet jieqfu:

Iżda dan is-subregolament għandu japplika biss għal dawk l-abbonati li jkunu persuni naturali.

(4) Fil-każijiet kollha tkun ipprojbita l-prattika li tintbagħat posta elettronika għall-finijiet ta' bejgħ dirett, jew billi tintwera identità b'oħra jew tinħeba l-identità tal-mittent li f'ismu ssir il-komunikazzjoni, jew li ma jkollhiex indirizz validu li fih ir-riċevitur jista' jibgħat talba li dawk il-komunikazzjonijiet jieqfu.

Meta xi regolamenti ma japplikawx.

11. Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 6, 7 u 8 ma għandhomx japplikaw meta liġi tkun speċifikament tipprovdi li tingħata informazzjoni bħala miżura meħtieġa fl-interess:

(a) tas-sigurezza nazzjonali;

(b) tad-difiża;

(ċ) tas-sigurezza pubblika;

(d) tal-prevenzjoni, investigazzjoni, kxif u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew amministrattivi, jew ta' kull ksur ta' etika għal professjonijiet regolati;

(e) ta' xi interess importanti, ekonomiku jew finanzjarju, inkluży affarijiet monetarji, dwar l-estimi u ta' tassazzjoni;

(f) ta' xi funzjoni ta' sorveljanza, spezzjon jew regolatorja li tkun konnessa, ukoll okkażjonalment, ma' l-eżerċizzju ta' l-awtorità uffiċjali msemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) ta' dan ir-regolament; jew

(ġ) ta' ħarsien ta' l-abbonat jew l-utent jew tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-oħrajn.

Kumpens għal nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

12. (1) Persuna li ġġarrab xi telf jew ħsara minħabba f'xi ksur ta' dawn ir-regolamenti minn xi persuna oħra jkollha jedd li tieħu azzjoni quddiem il-qorti kompetenti fejn tfittex kumpens minn dik il-persuna l-oħra għal dak it-telf jew ħsara.

(2) It-terminu ta' skadenza li hemm provdut dwaru fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att għandu japplika għal azzjoni taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

Infurzar.

13. Il-Kummissarju għandu jiżgura t-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Penali u sanzjonijiet amministrattivi.

14. Persuna li tikser jew tonqos milli tħares dawn ir-regolamenti tista' tehel penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn elf lira, liema piena għandha tiġi stabbilita u imposta mill-Kummissarju.

Appelli minn deċiżjonijiet tal-Kummissarju.

15. Persuna aggravata minn deċiżjoni li tittieħed mill-Kummissarju skond dawn ir-regolamenti u li jkollha interess legali li tikkontesta tali deċiżjoni jista' jappella lit-Tribunal ta' l-Appelli dwar il-Protezzjoni ta' *Data*.

Parir ta' l-Awtorità u konsultazzjoni magħha.

16. Il-Kummissarju jista' jikseb il-parir ta' u għandu, meta jkun adatt, jikkonsulta lill-Awtorità fi-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti.

Jitlob li l-Kummissarju jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' infurzar.

17. Meta jkun allegat li jkunu inkisru dawn ir-regolamenti, kemm l-Awtorità kemm persuna aggravata tista' titlob lill-Kummissarju jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' infurzar għar-rigward ta' dak il-ksur. Iżda ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tkun interpretata bħala li tillimita l-poteri diskrezzjonali tal-Kummissarju.